# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Lulju, 2024**

**Numru 9**

**Rikors Numru 84/23TA**

**Tancred Tabone (KI 793652M)**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Tancred Tabone (ir-rikorrent) tat-28 ta' Frar tal-2023 li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti:

"Illi fid-19 ta' Frar, 2013, l-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja akkuzat bir-reat ta' hasil ta' flus u b'diversi reati ohra.

Illi l-allegazzjonijiet dwar ir-reat ta' hasil ta' flus jirrisalu, skond ic-citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva, ghall-perijodu bejn is-sena 2000 u s-sena 2012 u l-allegazzjonijiet dwar r-reati l-ohra jirrisalu addirittura ghall-perijodu bejn is-sena 2000 u s-sena 2005.

Illi l-esponent dejjem tenna bil-qawwa l-innocenza tieghu u l-uniku xhud li xehed kontra tieghu ma giex emmnut f'diversi kawzi ohra ta' entita` simili.

Illi llum l-esponent ghandu l-eta` ta' sebghin (70) sena u ilu ghaxar snin shah jistenna lill-intimat Avukat Generali jaghlaq l-istruttorja sabiex ikun jista' jibda d-difiza tieghu.

Illi, kif inghad, il-proceduri fl-ismijiet "*Il-Pulizija v Tancred Tabone*" quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja bdew fid-19 ta' Frar, 2013 u sitt-ijiem wara, fil-25 ta' Frar, 2013, il-prosekuzzjoni bdiet tipproduci l-provi taghha quddiem dik il-Qorti. Ghaxar snin (10) minn dakinhar, il-Qorti tal-Magistrati appuntat xejn inqas minn tlieta u sittin (63) seduta sabiex il-prosekuzzjoni tipprezenta l-kaz taghha u taghlaq l-istruttorja. Mill-verbali ta' dawn is-seduti jirrizulta, *inter alia*, is-segwenti:

1. Bejn id-19 ta' Frar, 2013 u s-6 ta' Frar, 2023 gew appuntati tlieta u sittin (63) seduta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja;
2. Fi tnejn u erbghin (42) minn dawn is-seduta ma sar assolutament xejn;
3. Erba' (4) minn dawn is-seduti, fuq medda ta' ghaxar snin, gew differiti fuq talbiet ta' l-esponent. Seduta wahda (1) ohra giet differita minhabba l-pandemija COVID-19. Dan ifisser li f'sebgha u tletin (37) seduta in-nuqqas li jsir xi haga huwa attribwibbli biss lill-prosekuzzjoni, u cioe` principalment lill-intimat Avukat Generali;
4. Wara April tas-sena 2016, u cioe` f'dawn l-ahhar seba' snin, ma sar assolutament xejn ta' sustanza ghajr ghal xi tlett xhieda li pprezentaw traduzzjonijiet;
5. Attwalment l-istruttorja tinsab imwahhla ghaliex l-intimat Avukat Generali ilu mis-sena 2014 jiggustifika d-dewmien ingustifikabbli fil-proceduri bl-iskuza tat-talbiet ghall-evidenza mill-esteru (ittri rogatorji). Infatti l-ahhar minn sensiela ta' gustifikazzjonijiet saret permezz ta' nota pprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta' Frar, 2023.

Illi dawn il-fatti jitkellmu wahedhom u kwalsiasi kumment fir-rigward ikun superfluwu.

Illi l-esponent ilu milqut b'Ordni ta' Iffrizar fuq l-assi personali kollha tieghu mid-19 ta' Frar, 2013 izda dan huwa l-meritu ta' kawza kostituzzjonali ohra.

Illi fil-mori ta' l-ghaxar snin li ghaddew mill-inizzju tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, diversi persuni li l-esponent kien bi hsiebu jipprezenta bhala xhieda in difesa, mietu. L-esponent qieghed jirreferi specifikament ghal Alfred Mallia, George Borg, Raymond Soler, Robert Staines, Joseph Stellini, John Pace, Renato Agius Muscat, Charles Gatt u John Cachia li kollha kienu edotti minn fatti relatati mal-meritu ta' dawk il-proceduri.

Illi dan ifisser li minhabba l-mod manifestament negligenti ta' kif tmexxiet l-istruttorja mill-intimat Avukat Generali, l-esponent ser ikun serjament pregudikat fid-difiza tieghu.

Illi l-esponent jissottometti li dan l-agir ta' l-Avukat Generali fil-proceduri fl-ismijiet "*Il-Pulizija v Tancred Tabone*" kiser u ghadu qieghed jikser id-dritt tieghu ghal smigh xieraq, fosthom id-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli, sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant l-esponent, ghar-ragunijiet premessi, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tiddikjara li bl-agir ta' l-intimat Avukat Generali u bil-mod kif qieghed jikkonduci l-istruttorja, inkiser u qed ikompli jinkiser id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

2) Tiddikjara n-nullita` tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja fl-ismijiet "*Il-Pulizija v Tancred Tabone*" u l-konsegwenti estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali in kwantu li bil-fatt li l-Avukat Generali ma jridx jaghlaq l-istruttorja d-difiza tieghu giet irrimedjabilment ippregudikata;

3) Alternattivament ghat-talba precedenti, tordna lill-Avukat Generali sabiex jirrinvija ghal gudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja fl-ismijiet "*Il-Pulizija v Tancred Tabone*" f'terminu qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti in kwantu d-dewmien bil-ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni qed jilledi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq;

4) Taghti id-direttivi kollha sabiex jigi protett id-dritt fondamentali tieghu kif protett mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni inkluz l-ghoti ta' danni materjali u dawk mhux pekunjarji kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat (l-intimati Awtoritajiet) tal-20 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati <u>mingħajr preġudizzju għal xulxin</u>:

*Eċċezzjonijiet preliminari*

2. Illi *in linea* preliminari, l-ilmenti li r-rikorrent seta' kellu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja misshom tressqu u għadhom jistgħu jitressqu quddiem dik il-Qorti ordinarja stess. Fis-sewwa, jekk ir-rikorrenti jqis li l-proċeduri fil-konfront tiegħu qed itulu wisq, jista' jressaq rikorsi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja jilmenta minn dan l-allegat dewmien u jitlob quddiem dik il-Qorti ordinarja dak li jqis li huwa opportun fiċ-ċirkostanzi. Ġaladarba dan ma sarx quddiem il-Qorti appożita li tista' tissolleċita lill-prosekuzzjoni fil-produzzjoni tax-xhieda, l-esponenti jqisu li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedju ordinarju a disposizzjoni tiegħu u għalhekk, ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, din l-Onorabbli Qorti għanda tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha;

3. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, l-Avukat tal-Istat mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri għal żewġ raġunijiet – i) huwa ma kellu l-ebda involviment jew irwol fil-proċeduri li r-rikorrenti qed jilmenta dwarhom; u ii) permezz ta' dawn il-proċeduri mhux qed tiġi attakkata l-liġi jew xi aġir tal-Avukat tal-Istat u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. Illi preliminarjament ukoll u dejjem mingħajr preġudizzju, l-Avukat Ġenerali lanqas ma huwa leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri għaliex il-prosekuzzjoni qed titmexxa bil-Pulizija u mhux mill-Avukat Ġenerali – kif jidher mill-okkju tal-kawża: il-Pulizija vs Tancred Tabone;

*Eċċezzjonijiet fil-mertu*

5. Illi fil-mertu, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qegħdin jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex la saret u lanqas qiegħda ssir leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent hekk kif sanċiti permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan hekk kif ser jiġi trattat fil-mori tal-kawża;

6. Illi l-esponenti joġġezzjonaw għall-ilmenti rigward l-aġir tal-prosekuzzjoni għaliex mhux minnu li l-proċeduri tmexxew b'mod negliġenti;

7. Illi dawn il-proċeduri kostituzzjonali ma għandhomx jiġu utilizzati sabiex ir-rikorrent jittanta jġib fix-xejn il-proċeduri kriminali mibdija kontrih. Il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhix li ssir qorti tat-Tielet Istanza jew li ssir qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji jew li tħassar deċiżjonijiet ta' qrati oħra jew li tannulla proċeduri kriminali diġa' mibdija, għaliex dan imur oltre d-dispożizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;

8. Illi minkejja li r-rikorrenti qed isostni li l-proċeduri kriminali fl-intier tagħhom huma nulli għaliex il-prosekuzzjoni ma tridx tagħlaq l-istruttorja, in-nullita' bħala mezz estrem għandha toħroġ mil-liġi u l-liġi mkien ma tipprovdi li jekk f'kazijiet kumplessi li jinvolvu saħansitra rogatorji sabiex tigi ottjenuta xhieda minn barra minn xtutna, il-proċeduri kriminali huma nulli;

9. Illi sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġonevoli kif miktub mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, iridu jitqiesu t-tliet fatturi li ġejjin: il-komplessita' tal-każ; l-imġieba tal-Qorti u l-imġieba ta' min ikun qed jagħmel l-ilment. Iżda kif ġie mgħallem tajjeb fil-kawza <u>Francis Theuma vs Avukat Generali</u> (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Ġunju 2003):

"*S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi perjodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli.*"

10. Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, il-Qorti Ewropea dejjem irritenit illi: "*reasonableness … must be assessed in each case according to the particular circumstances … The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities …*" (ara <u>Buchholz v. Germany</u> – applikazzjoni numru 7759/77 deċiża fis-6 ta' Mejju 1981).

11. Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda '*time limit*' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġla żejda. Il-fatt fih innifsu tan-neċessità li tinġieb xhieda minn barra minn xtutna juri li l-każ huwa wieħed kumpless. L-esponenti jagħmlu riferenza għas-sentenza fl-ismijiet: <u>Andrew Ellul Sullivan et vs Avukat Ġenerali et</u> deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Ġunju 2008 fejn ġie osservat illi kawża titqies bħala waħda kumplessa u kumplikata minħabba fost l-oħrajn il-"*volume of evidence, number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad or the complexity of the legal issues involved".* Għalhekk, ġaladarba li ġie affermat li l-każ huwa wieħed ta' kumplessità għolja, isegwi li ċertu approfondiment huwa bil-wisq ġustifikat;

12. Illi madanakollu, tenut kont ta' tali kumplessità, xorta waħda ma jistax jingħad li l-kawża qiegħda tieħu żmien irraġonevoli sabiex tiġi konkluża. Wieħed irid ukoll iżomm quddiem għajnejh li l-Prosekuzzjoni hija marbuta li ttella' kull prova - kemm favur kif ukoll kontra l-imputat - u ċertament, azzjoni ta' natura kostituzzjonali mhix intiża sabiex l-imputat jittenta, tramite tali proċeduri, jorbot idejn il-Prosekuzzjoni u jitlob li jingħalqu l-provi minkejja li jkun hemm xhieda illi l-prosekuzzjoni hija fid-dmir li ttella' u ma titħallhiex iġġib tali prova;

13. Illi barra minn hekk, <u>sabiex jinsab ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jeħtieġ li l-proċess kriminali jiġi eżaminat fl-intier tiegħu</u>. Fil-każ fl-ismijiet <u>Dvorski vs Croatia</u>, il-*Grand Chamber* jisħaq li f'ambitu ta' smigħ xieraq, il-proċedimenti għandhom jiġu mixtarra fl-intier tagħhom – "*In determining whether, **taking the criminal proceedings as a whole**, the applicant received the benefit of "fair hearing for the purposes of Article 6§1,...*". Wieħed lanqas ma għandu jħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali, **imma jekk il-proċeduri fit-totalità tagħhom kinux immexxija**

**b'ġustizzja** (enfasi miżjud) - ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-15 ta' Marzu 1996;

14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad bil-qawwa l-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali. Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."

Rat l-Atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni numru 170/2013 fl-ismijiet Pulizija kontra Tancred Tabone (PK) liema Kawża hija preseduta mill-Maġistrat Claire Stafrace Zammit.

Semgħet ix-xhieda.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja bil-Pulizija taddebitalu numru ta' rejati fosthom dak tal-ħasil ta' flus. Dan kien fid-19 ta' Frar 2013. Skont iċ-ċitazzjoni, dawn ir-rejati jmorru lura għall-perjodu bejn is-sena 2000 u 2005.

Tul dawn il-proċeduri r-rikorrent dejjem sostna li ma kienx ħati. Ir-rikorrent għid li llum għandu 70 sena u ilu għal dawn l-aħħar 10 snin biex tingħalaq il-kumpilazzjoni. Dan ifisser li quddiemu għandu aktar snin x'jistenna biex il-proċess kollu jiġi fi tmiemu. Ir-rikorrent għid, li fil-bidu tal-proċeduri bdew jitressqu għadd ta' xhieda b'dana kollu minn għaxar snin ilu 'l hawn, kien

hemm mhux anqas minn 63 seduta u l-provi ta' prosekuzzjoni għadhom mhux magħluqin.

Nel frattemp, tul dawn is-snin kollha r-rikorrent għadu milqut minn ordni ta' konġelament tal-assi kollha tiegħu u saħansitra laħqu mietu xi xhieda li kien ser itella in difesa u li kellhom xi għidu fuq il-merti tal-proċeduri.

Għalhekk ir-rikorrent għid, li minħabba il-mod kif tmexxew b'negliġenza dawn il-proċeduri qegħdin ikunu leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq.

**Punti ta' Liġi**

Ir-rikorrent qed jinvoka l-ksur tal-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

Il-parti rilevanti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tiddisponi hekk:

"*kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq <u>għeluq żmien raġonevoli</u> minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi".* (Emfażi tal-Qorti).

U artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiddisponi hekk:

*"id-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku <u>fi żmien raġonevoli</u> minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi"* (Emfażi tal-Qorti).

Kif wieħed jista' jara, iż-żewġ artikoli huma kważi mera ta' xulxin u għalhekk l-ermenewtika sentenzjali lokali u dik tal-Qorti Ewropeja huma applikabbli *mutatis mutandi*.

Il-Qorti tħoss li f'dan l-istadju jkun opportun li jiġu sintetizzati l-prinċipji kif evolvew skont is-Sentenzi, kemm dawk lokali u kif ukoll partikularment tal-QEDB rigward il-kwistjoni ta' smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif imħarsa mill-artikoli fuq imsemmija.

Is-Sentenzi tal-Qorti Ewropeja huma kopjużi u ħafna drabi b'referenza għall-Kawżi Ċivili li pero' l-prinċipji ennunċjati fihom huma similment applikabbli għall-proċeduri penali. Huwa rikonoxxut li ż-żmien raġonevoli tal-proċedimenti huwa wieħed mill-aktar garanziji proċedurali importanti tad-drittijiet fundamentali għall-proċess ġust imnaqqax fl-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

L-Artikolu 6 § 1 jobbliga lill-Istati Membri sabiex jorganizzaw is-sistemi legali u ġudizzjarji tagħhom b'mod li l-Qrati tagħhom ikunu jistgħu jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit hemm impost. Dan ifisser li l-Qrati nazzjonali jkunu kapaċi jiggarantixxu lil kullħadd id-dritt għal deċiżjoni finali fuq kwistjonijiet ta' drittijiet u obbligi ċivili fi żmien raġonevoli (Ara **Comingersoll S.A. -vs-Portugal [GC], § 24; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 142**).

Dan l-obbligu japplika wkoll għall-Qrati Kostituzzjonali, għalkemm b'interpretazzjoni differenti tenut kont tal-irwol tagħhom, bħala gwardjani

tal-Kostituzzjoni, li jqisu n-natura u l-importanza tal-każ f'termini politiċi u soċjali (Ara **Süssmann v. Germany, § 56; Voggenreiter v. Germany §§ 51- 52; Oršuš and Others v. Croatia [GC], § 109**). Kif jingħad fir-Report of the **European Commission on the Efficiency of Justice (CEPEJ**), b'dan l-obbligu is-sistemi ġudizzjarji ġew tassew mogħtija għan ġdid: li jipproċessaw kull każ "*within an optimum and foreseeable timeframe*" (CEPEJ(2004)19REV2, p. 3).

F'dan is-sens il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) kemm-il darba saħqet fuq l-importanza li l-ġustizzja tiġi amministrata mingħajr dewmien li jista' jqiegħed l-effettivitá u l-kredibilitá tagħha fil-periklu (Ara **H. v. France, § 58; Katte Klitsche de la Grange v. Italy, § 61; Scordino v. Italy (no 1) [GC], § 224**). Stat Kontraenti li nstab li vvjola dan ir-rekwiżit frekwentament u ħoloq kumulu ta' vjolazzjonijiet identiċi, ġie kemm-il darba meqjus mill-QEBD bħala Stat li jħaddan prattika inkompatibbli mal-Konvenzjoni. Dan għaliex tali vjolazzjonijiet jirriflettu sitwazzjoni kontinwa li għadha ma ġietx rimedjata u li għalhekk qed iċċaħħad il-partijiet minn rimedju domestiku effettiv. Il-QEBD qieset tali ċirkostanza bħala waħda li tikkostitwixxi ksur aggravanti tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni (ara **Bottazzi v. Italy [GC], § 22; Scordino v. Italy (no 1) [GC], § 225**). Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, stabbilit il-prinċipji li għandhom jiddeterminaw it-tul taż-żmien tal-proċedimenti u l-kriterji indikattivi tar-raġjonevolezza ta' dan it-tul taż-żmien.

*<u>Id-determinazzjoni tat-tul taż-żmien tal-proċedimenti.</u>*

Id-*dies a quo* tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien li fil-każ ta' proċeduri kriminali, dan il-perjodu jibda jiddekkorri minn meta l-ewwel darba il-persuna tkun mgħarrfa li jesisti suspett li wettqet rejat u tkun ġiet interrogata sakemm ma tkunx mgħarrfa li ma hemmx każ kontra tagħha. Dan għaliex huwa minn dak il-mument il-persuna titqiegħed fi stat ta' inċertezza anke fid-dawl li persuna trid tfassal ħajjitha b'serenita'. Huwa propju għalhekk li ġie aċċettat li f'ċertu ċirkostanzi li l-perjodu tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien għandu jibda jiddekorri qabel id-data li fiha l-applikant jippreżenta l-att li bih jibda l-proċeduri quddiem Qorti kontenzjuża (Ara **Golder v. the United Kingdom, § 32 in fine; Erkner and Hofauer v. Austria, § 64; Vilho Eskelinen and Others v. Finland [GC], § 65**).

Dan meta, ad eżempju, azzjoni partikolari tkun teħtieġ li, qabel ma tiġi hekk istitwita, jittieħdu ċerti passi proċedurali preliminari (Ara **Blake v. the United Kingdom, § 40; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], §§ 207-208, u Koziy v. Ukraine, § 25**) jew ikun hemm impost bħala pre-rekwiżit l-obbligu li tiġi sottomessa applikazzjoni lil xi awtoritá amministrattiva jew ottenuta xi awtorizazzjoni. F'dak il-każ il-perjodu tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien għandu jinkludi wkoll din il-proċedura amministrattiva preliminari mandatorja (Ara **König v. Germany, § 98; X v. France, § 31; Schouten and Meldrum v. the Netherlands, § 62; Kress v. France [GC], § 90; Siermiński v. Poland § 65**).

L-Artikolu 6 § 1 jista' jsib applikabbilitá wkoll fi proċeduri li, għalkemm ma humiex kompletament ġudizzjarji fin-natura tagħhom, huma madanakollu marbuta mill-qrib ma' superviżjoni minn korp ġudizzjarju. Dan kien il-każ, per eżempju, fi proċedura għall-qasma ta' patrimonju li tmexxiet fuq bażi mhux kontenzjuża quddiem żewġ nutara, iżda ġiet ordnata u approvata minn qorti (Ara **Siegel v. Franza, §§33-38).** Din il-Qorti ssostni, li dan huwa anke applikabbli fil-kamp Kriminali bħal meta qabel l-istituzzjoni ta' proċedura penali jkun hemm bżonn l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Ġenerali jew ta' xi Kap ta' Dipartiment Governattiva.

Id-*dies ad quem* ta' dan il-kejl taż-żmien rilevanti huwa l-mument fejn l-ilment in disputa jkun ġie solvut b'sentenza li tkun definittiva, finali u jekk ikun il-każ eżegwita/enforzata (Ara **Poiss v. Austria, § 50; Blake v. the United Kingdom §40**). Dan iż-żmien għalhekk ikopri wkoll l-istadju tal-appell (**König v. Germany, § 98 in fine; Kudła v. Poland §122**) u ma jeskludix l-istadji sussegwenti s-Sentenza fuq il-mertu (**Ara Robins v. the United Kingdom, §§ 28-29**). Per eżempju fil-każ odjern jidher li għadu ħafna 'l bogħod milli jkun rekalizzat, ikkunsidrat li wara 10 snin il-każ għadu fi stadju ta' kumpilazzjoni.

Iż-żmien ma jieqafx għaddej sakemm id-dritt asserit fil-proċeduri jsir effettiv (Ara **Estima Jorge v. Portugal, §§ 36-38**). Proċeduri quddiem Qorti Kostituzzjonali jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni fejn, għalkemm ma jkollhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq il-mertu, is-Sentenza mogħtija minnha taffettwa r-riżoluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiem qrati ordinarji

(Ara **Deumeland v. Germany, § 77; Pammel v. Germany, §§ 51-57; Süssmann v. Germany, § 39**).

Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandu jiġi determinat f'kull każ speċifiku fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tiegħu "*magħdudin flimkien b'effett kumulattiv*" u globali (Ara **Sentenza fl-ismijiet Anton Camilleri -vs- Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, tal-1 ta' Frar 2016 u kif ukoll Frydlender v. France [GC], § 43**); **Obermeier v. Austria, § 72; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], § 23; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 214**).

Tabilħaqq il-proċeduri kollha għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni (**König v. Germany, § 98 in fine**). Ċertu tul fi stadji differenti tal-proċeduri jista', fih innifsu, ma jitqiesx bħala irraġonevoli. Iżda meta meqjus komplessivament u b'mod kumulattiv, jista' jirriżulta in eċċess tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ara **Deumeland v. Germany, § 90; Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], §§ 210-11**).

Dewmien fi stadju partikulari tal-proċeduri jista' jkun permissibbli sakemm it-tul kollu tal-proċedimenti ma jkunx eċċessiv (Ara **Pretto and Others v. Italy, § 37**).

Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk

jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (Ara **Boddaert v. Belgium ċitata supra § 39; ara wkoll Raymond Bonnici et vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27**).

Sabiex jiġi żgurat dan il-bilanċ, fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi individwali u partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (ara **fost ħafna oħrajn Kurzac v. Poland § 30; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]; Frydlender v. France [GC], § 43; Sürmeli v. Germany [GC], § 128; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 209).**

Dawn huma:

(i) il-kumplessità tal-każ;

(ii) il-kondotta tal-parti li qed tilmenta;

(iii) il-kondotta tal-awtorijiet kompetenti, jiġifieri l-azzjonijiet tal-qorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi oħra involuti fil-proċess;

(iv) l-importanza tal-każ għall-attur;

Il-kumplessitá tal-każ tista' tinsorġi kemm minħabba kwistjonijiet fattwali u proċedurali kif ukoll minħabba kwistjonijiet legali (Ara **Katte Klitsche de la Grange v. Italy, § 55; Papachelas v. Greece [GC], § 39**). Każ jitqies fattwalment u/jew proċeduralment kumpless meta jinvolvi numru kbir ta' partijiet (**H. v. the United Kingdom, § 72**) jew il-produzzjoni ta' volum kbir

ta' provi u/jew numru kbir ta' smiegħ ta' xhieda (ara **Humen v. Poland [GC], § 63**) jew ikun jeħtieġ numru kbir ta' rapporti peritali (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC] (§ 210**). Każ jitqies legalment kumpless minħabba nuqqas ta' preċedent fuq livell nazzjonali, jew il-ħtieġa li tintalab deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewopea (QtĠ) dwar kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni tal-liġi Ewropea (Ara **Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], § 212**).

Ġie stabbilit ukoll li anki jekk il-każ fih nnifsu ma jkunx partikolarment kumpless, in-nuqqas ta' kjarezza u prevedibbiltá fil-liġi jista' wkoll jagħmel l-eżami diffiċli u deċiżivament jikkontribwixxi għad-dewmien tal-proċeduri (Ara **Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 150**). Il-QEBD irrikonoxxiet li każijiet kumplessi jeħtieġu aktar żmien biex jiġu konklużi (Ara **Tierce v. San Marino § 31**).

Il-QEBD tikkonsidra li l-persuna konċernata hija meħtieġa biss li turi diliġenza fit-twettiq tal-każ tagħha, li żżomm lura milli tuża tattiċi ta' dewmien u li tużuffruwixxi ruħha mill-azzjonijiet disponibbli fil-liġi domestika għat-tqassir tal-proċeduri. Iżda ma hija taħt l-ebda dmir li tieħu azzjoni li ma hiex adattata għal dak il-għan (Ara **Unión Alimentaria Sanders SA vs Spain, QEBD, 7 ta' Lulju 1989, § 35**). L-Artikolu 6§1 ma jeħtieġx li l-parti li qed tilmenta tikkopera b'mod attiv ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji biex tħaffef il-proċeduri. Lanqas ma titqies responsabbli għad-dewmien fejn tkun għamlet użu sħiħ mir-rimedji domestiċi disponibbli għaliha (Ara **Erkner and Hofauer v. Austria § 68**) jew minħabba l-konsegwenzi marbuta mal-

kundizzjoni medika tagħha (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**).

L-awtoritajiet nazzjonali min-naħa tagħhom lanqas ma jistgħu jinżammu responsabbli għal dewmien ikkawżat b'riżultat ta' dan l-aġir (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**). Tabilħaqq, il-kondotta tal-parti li qed tilmenta għandha tiġi kkunsidrata fid-determinazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli impost fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għaliex tikkostitwixxi fatt oġġettiv li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk dan ma jistax jiġi attribwit lilu (**Poiss v. Austria § 57; Wiesinger vs Austria § 57; Humen v. Poland [GC], § 66 supra**). Ġie iżda stabbilit li l-istat ma jistax jinqeda bl-imġieba tal-applikant sabiex jiġġustifika perjodi ta' inattivitá. Huwa meħtieġ għalhekk li l-kondotta tal-Qrati f'dan ir-rigward tiġi analizzata. Dan jiġifieri li jiġu eżaminati l-azzjonijiet u l-miżuri li ħadu l-Qrati sabiex iħeġġu l-partijiet fil-proċeduri iwettqu b'mod attiv id-dmirijiet proċedurali tagħhom. Il-QEBD irriteniet f'ikar minn okkażjoni waħda li l-Qrati domestiċi ma jistgħux jibqgħu indifferenti għall-abbuż mill-partijiet tad-drittijiet proċedurali u dewmien persistenti fil-proċeduri: l-attitudni tal-partijiet ma teżonerax lill-Qrati mid-dmir tagħhom li jiżguraw is-smiegħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli impost fl-artikolu 6 § 1 (Ara **Pafitis and Others v. Greece § 93; Tierce v. San Marino § 31; Sürmeli v. Germany [GC] § 129; Guincho v. Portugal §32; Buchholz v. Germany §50; Capuano v. Italy §§24-25; Baraona v. Portugal §48; Martins Moreira v. Portugal §46; Neves e Silva v. Portugal §43; Union Alimentaria Sanders S.A. v.**

**Spain §§34; Vernillo v. France §30; Scopelliti v. Italy §25; Ciricosta and Viola v. Italy §30; Mincheva v. Bulgaria § 68**).

Eżempji li jikkonċernaw il-kondotta tal-parti li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

a. nuqqas ta' ħeġġa mill-partijiet biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom. Dan in-nuqqas ġie meqjus bħala kontributur deċiżiv għad-dewmien fil-proċeduri (Ara **Vernillo v. France, § 34)**;

b. bidliet frekwenti u ripetuti tal-avukat difensur (**König v. Germany, §103**);

c. talbiet jew omissjonijiet li jħallu impatt fuq it-tmexxija tal-proċeduri (Ara **Acquaviva v. France § 61**);

d. nuqqas ta' diliġenza fil-passi proċedurali meħuda (Ara Keaney v. Ireland, § 95);

e. tentattivi biex tiġi żgurata transazzjoni tal-kawża barra l-Qorti (out-of court settlement) (Ara **Pizzetti v. Italy, § 18; Laino v. Italy [GC], § 22**);

f. proċeduri istitwiti erronjament quddiem qorti nieqsa mill-ġurisdizzjoni (Ara **Beaumartin v. France, § 33**);

L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet kollha tiegħu: mhux biss għall-organi ġudizzjarji, iżda għall-istituzzjonijiet pubbliċi kollha (Ara Martins Moreira v. Portugal, § 60). Dewmien attribwibbli lill-Istat biss jiġġustifika sejbien ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6 § 1 minħabba nuqqas ta' konformitá

mar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli (Ara **Buchholz v. Germany §49; Papageorgiou v. Greece § 40; Humen v. Poland [GC], § 66**).

Kif sewwa rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-**Sentenza fl-ismijiet John Bugeja -vs- L-Avukat Ġenerali et, tal-11 ta' Awwissu 2003**: *"d-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu rrizorsi, l istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f' pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni"*

Ġie madanakollu stabbilit li dewmien li jista' jiġi attribwit għall-istat jeħtieġ li jitqies (Ara **Buchholz vs Germany paragrafu 49. Ara wkoll u Yagtzilar oħrajn vs Il-Greċja, Nru 41727/98, is-6 ta' Diċembru 2001**), iżda l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun ikkunsidrata bir-reqqa. Per eżempju, dewmien fil-proċedimenti li jirriżulta mir-riferiment ta' mistoqsija lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari mhuwiex ħtija tal-istat (Ara **Pafitis u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 20323/92, 26 ta' Frar 1998, paragrafu 95**).

L-istess huwa l-każ għad-dewmien kawżat mill-ħtieġa ta' perizja teknika: minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-bosta periti li ġew maħtura tul

is-snin f'dawn il-kawżi, kien il-poter-dover tal-Qorti illi tiżgura li tali dewmien ma jiġix permess. Il-QEDB sabet li bidliet ripetuti tal-imħallef "*ma jistgħux jeżoneraw l-Istat, li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun organizzata sew*" (Ara **Lechner u Hess vs L-Awstrija, Nru 9316/81, 23 ta' April 1987, paragrafu 58**). Bl-istess mod, "*tagħbija żejda kronika ta' każijiet ma tiġġustifikax proċedimenti eċċessivament twal*" (Ara **Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64**).

Dan ifisser li la darba huwa fuq l-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi legali tagħhom b'tali mod li jiggarantixxu d-dritt għal deċiżjoni finali fi żmien raġonevoli, l-eżistenza ta' ammont eċċessiv ta' xogħol ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni (Ara **Vocaturo v. Italy § 17, Cappello v. Italy § 17**). Madanakollu, xogħol tal-qorti pendenti temporanju ma jiskattax ir-responabbiltà tal-istat jekk jieħu azzjoni **korrettiva immedjata, xierqa sabiex tipprova tirrisolvi l-problema (Ara Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64 ara wkoll Buchholz v. Germany § 51**).

Sabiex jiġi megħlub l-ammont ta' xogħol pendenti, l-Istati jistgħu jadottaw miżuri provviżorji, bħall-għażla li jindirizzaw il-kawżi f'ordni partikolari (Ara **Milasi vs L-Italja, Nru 10527/83, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafu18**). Eżempju ta' dan huwa meta jiġu indirizzati l-kawżi skont il-prioritá, l-urġenza u l-importanza tagħhom, b'mod partikolari x'ikun hemm involut għal persuni konċernati. Madankollu, jekk dawn l-azzjonijiet temporanji

jonqsu milli jaħdmu, l-Istati jridu jadottaw miżuri iżjed effettivi sabiex tiġi indirizzata l-problema (Ara **Zimmermann u Steiner vs Svizzera, Nru 8737/79, 13 ta' Lulju 1983, paragrafu 29 ara wkoll Guincho vs Portugal § 40**).

L-Istati għandhom ifittxu modi sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ġudizzjarji tagħhom ma joħolqux dewmien fil-proċedimenti.  (**Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall-ġustizzja, paġna 150-151**). Tabilħaqq, il-fatt li tali sitwazzjonijiet ta' backlog saru komuni, ma jistgħax jiġġustifika t-tul eċċessiv tal-proċeduri (Ara **Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain § 40**).  Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' riforma mmirata biex tħaffef id-determinazzjoni tal-każijiet lanqas ma jista' jiġġustifika dewmien għaliex l-Istat xorta jkun qiegħed jonqos mid-dover tiegħu li jorganizza d-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri b'mod li jevitaw dan id-dewmien f'kawżi pendenti (Ara **Fisanotti v. Italy § 22**). F'dak ir-rigward, l-adegwatezza jew le tar-rimedju domestiċi introdotti minn Stat Membru biex jipprevjeni jew jipprovdi rimedju għall-problema ta' proċeduri eċċessivament twal għandhom jiġu vvalutati fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti (Ara **Scordino v. Italy (no. 1) [GC], §§ 178 et seq. and 223**).

L-istat inżamm ukoll responsabbli għan-nuqqas ta' konformitá mar-rekwiżit ta' żmien raġonevoli f'dawn il-każijiet:

a. fejn kien ammont eċċessiv ta' attivitá ġudizzjarja li ffokat biss fuq l-istat mentali tal-applikant għal aktar minn disa' snin (**Bock v. Germany § 47**);

b. Strajk minn membri tal-Kamra tal-Avukati. Għalkemm minnu nnifsu dan ma rrendix Stat Membru responsabbli għar-rigward tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli, l-isforzi magħmula mill-Istat biex inaqqas kwalunkwe dewmien riżultanti minn dan l-istrike ġew kkunsidrati sabiex jiġi determinat jew dan ir-rekwiżit ġiex osservat (**Papageorgiou v. Greece § 47**).

c. Għalkemm ma hijiex il-funzjoni tal-Qorti li tanalizza l-mod li bih il-qrati nazzjonali nterpretaw u applikaw il-liġi domestika, ġie meqjus li t-tħassir minn qrati superjuri ta' deċiżjonijiet ta' qrati inferjuri u r-rinviju tal-każ lura lilhom huwa ġeneralment dovut għall-iżbalji mwettqa mill-istess qrati inferjuri. Ir-ripetizzjoni ta' sentenzi konsegwenza ta' dawn l-iżbalji tindika nuqqas fis-sistema effikaċi ġudizzjarja (**Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 147**).

Jista' jirriżulta minn eżami komplessiv tal-proċeduri kollha li, l-awtoritajiet nazzjonali, għalkemm ikunu tqiesu responsabbli għal ċerti difetti proċedurali li kkawżaw dewmien fil-proċedimenti, jkunu xorta kkonformaw mad-dmir tagħhom li jisimgħu l-każ egħluq iż-żmien raġonevoli skont l-Artikolu 6 (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**).

Il-kondotta ta' Qorti Kostituzzjonali wkoll tiġi eżaminata billi, kif ġia ingħad, hija wkoll marbuta bl-obbligu li jesiġi l-artikolu 6§1, għalkemm b'interpretazzjoni differenti. Bħal eżempju ta' proċeduri irraġonevolment twal quddiem qorti kostituzzjonali (ara s-sentenza **Project-Trade d.o.o. v. Croatia, §§ 101-102**).

Ċerti fatturi partikolari li jinvolvu lill-applikant jistgħu jeħtieġu l-applikazzjoni ta' standards iktar rigorużi biex jiġi assigurat li l-proċeduri jingħataw prijoritá, jiġu trattati b'urġenza u ndirizzati b'iżjed ħeffa. Għandu għalhekk jitqies jekk l-awtoritajiet applikawx din id-diliġenza speċjali fil-konsiderazzjoni tar-raġonevolezza tat-tul tal-proċeduri (Ara **Abdoella v. the Netherlands ċitata supra § 24; Starokadomskiy v. Russia (no. 2), 13 ta' Marzu 2014, §§ 70-71**).

Każijiet fejn ġie stabbilit li kellu jiġi applikat diliġenza speċjali minħabba dak li kien hemm involut għal persuna li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

1. fejn l-applikant huwa afflit b'mard ta' theddid għal ħajja u/jew etá avvanzata (**X vs France §§ 45 u 47; Pailot v. France § 68; A. and Others v. Denmark §§ 78-81**);
2. każijiet li jikkonċernaw it-tfal bħal kustodja (Ara **Hokkanen vs Finland § 72; Niederböster v. Germany § 39**) jew rimozzjoni illeċita ta' minuri minħabba li d-dewmien jista' effettivament jiddetermina l-eżitu tal-każ (Ara **Hoholm vs Slovakia § 51**). Dan speċjalment fejn it-trapass ta' żmien jikkaġuna konsegwenzi irriversibbli fir-relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild (Ara **Tsikakis v.**

**Germany §§ 64 and 68**). Każijiet li jikkonċernaw irresponsabbilitá tal-ġenituri u d-drittijiet ta' aċċess ukoll jitolbu spedizzjoni partikolari (Ara **Paulsen-Medalen and Svensson v. Sweden § 39; Laino v. Italy [GC] § 22**).

3. kawżi li jikkonċernaw tilwim relatat ma' pensjonijiet (Ara **Borgese v. Italy § 18**), inkluż pensjoni ta' disabilitá (Ara **Mocié v. France § 22**) jew ma' mpjieg (Ara **Vocaturo vs Italy § 17; Bauer vs Slovenia §19; Ruotolo v. Italy § 17; u Frydlender v. France [GC] § 45**) – bħal jekk il-kwistjoni involuta tirrigwarda aċċess għal professjoni liberali (Ara **Thlimmenos v. Greece [GC] §§ 60 u 62**), l-għajxien professjonali kollu tal-applikant (Ara **König v. Germany § 111**), il-kontinwazzjoni tal-okkupazzjoni tal-applikant (Ara **Garcia v.Ara France § 14**), appell kontra tkeċċija (Ara **Buchholz v. Germany § 52; Frydlender v. France [GC] § 45**), is-sospensjoni tal-applikant u, transfers (Ara **Sartory v. France § 34**) jew reinstatements jew fejn l-ammont mitlub huwa ta' importanza vitali għall-applikant (Ara **Doustaly v. France § 48**).

4. kawżi li jikkonċernaw stat ċivili, bħal dawk għal dikjarazzjoni jew ċaħda ta' paternitá (Ara **Mikulić vs Croatia § 44; Bock v. Germany § 49; Laino v. Italy [GC] § 18**).

5. Ilmenti mressqa minn individwi li jallegaw li ġew soġġetti għal vjolenza minn uffiċjali tal-pulizija (Ara **Caloc v. France § 120**).

6. Azzjonijiet ta' danni riżultanti minn ħsara fiżika fuq persuna ta' etá avvanzata (Ara Codarcea v. Romania § 89).

7. Azzjoni rigwardanti l-ħarsien tad-dritt tal-edukazzjoni (Ara *Oršuš and Others v. Croatia [GC] § 109*). Minn naħa l-oħra ġie stabbilit li ma kienetx meħtieġa diliġenza speċjali f'proċeduri għad-danni mġarrba konsegwenza ta' inċident tat-traffiku (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 213**).

Ġie stabbilit li meta, wara analiżi ta' kull wieħed mill-kriterji deskritti hawn fuq, jibqa' impossibbli li jiġi konkluż jekk iż-żmien raġonevoli ta' proċedimenti kienx osservat f'każ speċifiku, jista' jiġi applikat kriterju addizzjonali. Dan huwa l-evalwazzjoni globali tat-tul kollu tal-proċedimenti fil-każ tenut kont tal-kriterji kollha eżaminati (Ara **Obermeier v. Austria § 72; Manzoni v. Italy § 18; Laghouati and Others v. Luxembourg § 33**).

Ġie stabbilit ulterjorment li f'każ li l-kriterji għal valutazzjoni tar-raġonevolezza taż-żmien fi proċeduri ċivili jkunu intimament relatati, il-Qorti tagħmel ukoll valutazzjoni ġenerali (Ara **Konig v. the Federal Republic of Germany (merits) §§105 and 111; Buchholz v. the Federal Republic of Germany §63; Zimmermann and Steiner v. Switzerland §32; Pretto and others v. Italy §37; Guincho v. Portugal §41**).

Għalhekk, l-imġieba tal-partijiet tista' żżid il-kumplessitá tal-proċeduri fil-waqt li s-sinjifikat tal-eżitu għall-applikant jimmerita diliġenza speċjali eżerċitata mill-awtoritajiet. F'xi każijiet ċertu dewmien sostanzja li ġie perċepiet bħala normali. Madankollu fil-valutazzjoni ġenerali tagħha il-

Qorti sabet ksur taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 § 1 meta ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti:

a. It-tul tal-proċedimenti, meqjus fih innifsu u b'mod ġenerali, speċjalment jekk il-Gvern konvenut ma pprovda l-ebda spjegazzjoni (Ara **Obermeier v. Austria §72 Editions; Periscope v. France §44; Messina v. Italy §28; Darnell v. the United Kingdom §21; Allenet de Ribemont v. France §57**);

b. L-istat konċernat jirrikonoxxi li huwa fit-tort (Ara **Darnell v. the United Kingdom §20**);

c. Eżitu tal-proċedimenti, għall-inqas fil-każ ta' out-of-court settlement (Ara **Cormio v. Italy §§16-17**);

d. Il-proporzjon tat-tul kollu tal-proċedimenti tal-każ man-numru tal-istanzi tal-qrati li quddiemhom il-każ ġie mistħarreġ (Ara **Cesarini v. Italy §20 [tliet istanzi]; Salerno v. Italy §21 [tliet istanzi]; Abdoella v. the Netherlands §22 [ħames istanzi]; Olsson v. Sweden (No. 2) §§105 and 106 [tliet istanzi]; Raimondo v. Italy §44 [żewġ istanzi] Vendittelli v. Italy §29; Hokkanen v. Finland §72 [tliet istanzi**];

e. Dewmien riżultanti minn difetti proċedurali minkejja li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu baqgħu attivi matul il-proċeduri kollha (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 213**);

f. Ġie wkoll stabbilit bħala mhux aċċettabli proċeduri milquta b'perjodi twal ta' staġnar bla ma tiġi mogħtija ebda spjegazzjoni (Ara **Beaumartin v. France, § 33**).

Ġie ritenut li, fil-prinċipju, sena għal kull istanza tal-qorti tista' titqies bħala żmien raġonevoli (Ara **Obasa v. the United Kingdom § 35**). Anke sena u nofs ġie meqjus bħala żmien raġonevoli (Ara **Satakunnan Markkinaporssi Oy and Satamedia Oy v. Finland § 88**). Id-durata taż-żmien sa sentejn għal kull stadju ta' ġurisdizzjoni f'każijiet mhux kumplessi ġeneralment tqiesu bħala raġonevoli. Fejn il-proċeduri damu iktar minn sentejn, il-Qorti teżamina l-każ bi skrutinju sabiex tiddetermina jekk kienx hemm raġunijiet oġġettivi għal dan id-dewmien, bħal kumplessita tal-każ jew jekk l-awtoritajiet nazzjonali wrewx diliġenza fil-proċedimenti. F'każijiet kumplessi, il-QEBD tippermetti żmien itwal, iżda tagħti attenzjoni speċjali għal perjodi ta' inattivitá li huma b'mod ċar eċċessivi. L-itwal ħin aċċettat mill-Qorti huwa madankollu rarament aktar minn ħames snin u kważi qatt aktar minn tmien snin ta' dewmien.

Fil-każijiet meqjusa bħala ta' prijoritá li fihom kwistjoni partikolari hija f'riskju, il-Qorti ddevjat mill-pożizzjoni ġenerali, u sabet ksur anke jekk il-każ dam inqas minn sentejn f'kull stadju tal-proċeduri. Dan bħal fil-każ fejn l-istat ta' saħħa tal-applikant hija kritika jew fejn id-dewmien jista' jkollu konsegwenzi irreparabbli għall-applikant. L-uniċi każijiet li fihom il-Qorti ma sabitx ksur minkejja t-tul manifestament eċċessiv tal-proċeduri kienu każijiet fejn l-imġieba ta' l-applikant kienet fattur ewlieni (**European**

**Commission for the Efficiency of Justice (CEPEJ): Length of court proceedings in the member states of the Council of Europe based on the case law of the European Court of Human Rights(CEPEJ(2018)26)**.

Il-Qorti ħasset li kellha tkun daqstant komprensiva fl-elenku tal-każistika tal-QEDB u anke Sentenzi lokali biex turi kemm hi rikka l-ġurisprudenza fuq il-prinċipju ta' dewmien raġjonevoli u li fir-rikezza tagħha ma ħalliet ebda istanza u rokna fl-analiżi tagħha. Din hija ukoll xorta affermazzjoni mill-Qrati dwar kemm huwa għal qalbhom dan l-aspett tal-ġustizzja għaliex huwa wara kollox huwa korollari ghall-prinċipju l-ieħor, li ġustizzja imkarkra u prolungata hija ċ-ċaħda tal-istess ġustizzja (*Justice delayed justice denied*). Huwa fid-dawl ta' dan it-tagħlim, li din il-Qorti ser tqis u tifli l-każ li għandha quddiemha.

**Konsiderazzjonijiet**

Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2024 il-partijiet qablu li jkunu allegati l-atti tal-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Tancred Tabone numru 170/2013 li qed jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja kif presjeduta mill-Onor. Maġistrat Claire Louise Stafrace Zammit. Għalhekk il-Qorti eżaminat b'reqqa dawn il-proċeduri u ħasset li huwa essenzjali li jingħata rendikont seduta b'seduta tal-andament ta' dawn il-proċeduri.

Għalhekk dawn huma s-seduti:

1. Fil-11 ta' April 2013 il-Kummissarju tal-Pulizija talab sabiex il-Qorti tibgħat talba għall-assistenza legali lill-Avukat Ġenerali

sabiex din tiġi trasmessa lill-Awtoritajiet ta' Ġibilta' (a' fol 3143 PK).

2. Fis-seduta tal-11 ta' April 2013 xehedu sitt persuni u l-Qorti ordnat li l-kopja taż-żewġ rogatorji tal-11 ta' April 2013 presentati mill-prosekuzzjoni jiġu notifikati lil Dr. G De Marco li kellha sat-30 ta' April 2013 sabiex seduta stante tindika tixtieqx tagħmel domandi biex jiġu inseriti fir-rogatorji jew taħtarx rappresentant meta jkunu qed jinstemgħu dawn ir-rogatorji. Kawża ġiet differita għat-30 ta' April, 2013.

3. Fit-30 ta' April 2013 xehedu ħamsa minn nies. L-atti ġew rinvijati lill-AĠ u l-kawża differita għas-6 ta' Ġunju 2013.

4. Fis-6 ta' Ġunju 2013 xehedu tlett xhieda u l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha (a' fol 4825 PK) u l-kawża differita għat-18 ta' Lulju 2013.

5. Fit-18 ta' Lulju 2013 il-prosekuzzjoni talbet differiment u l-kawża ġiet differita għad-29 ta' Awwissu 2013.

6. Fid-29 ta' Awwisssu 2013 il-kawża ġiet differita għall-10 ta' Ottubru 2013 u l-atti ġew rinvijati lill-AĠ.

7. Fl-10 ta' Ottubru 2013 bi qbil bejn il-partijiet il-kawża ġiet differita għall-24 ta' Ottubru 2013.

8. Fl-24 ta' Ottubru 2013 intalab differiment peress li r-rikorrent daħal l-isptar. L-atti ġew rinvijat u l-kawża ġiet differita għall-5 ta' Diċembru 2013.

9. B'digriet tat-8 ta' Novembru 2013 il-Qorti laqgħet talba biex ir-rikorrent ikun jista' jbiegħ propjeta b'dana li r-rikavat ma kellux imur biex jinqata' id-dejn tal-bank iżda jibqa' ffriżat. Reġa' talab li tal-inqas in-nofs jinqata' mid-dejn u l-Qorti b'digriet tat-8 ta' Novembru 2013 astjeniet fid-dawl tar-risposti tal-prosekuzzjoni (a' fol 5067PK). Ftit qabel kien talab li jibda jattendi għal-laqgħat ta' Board meetings ta' kumpanija li kellu interess fiha. Talba ġiet milqugħa b'ċertu kondizzjonijiet. B'rikors tal-11 ta' April 2014 ir-rikorrent għamel rikors biex jagħmel ċertu ħlasijiet biex inaqqas biex ma jkomplix jinkorri imgħaxijiet u b'digriet il-Qorti ċaħdet it-talba b'digriet tal-24 ta' April 2014 (a' fol 5246PK). Sat-22 ta' Settembru 2015 l-akkużat kien għadu jiffirma l-għassa (ara a' fol 5990 PK). Fit-18 ta' Marzu 2022 ir-rikorrent talab li l-freezing order jiġi mnaqqas. B'digriet tas-27 ta' Mejju 2022 it-talba ġiet miċħuda. B'digriet tal-11 ta' Marzu 2024 il-Qorti laqgħet talba tar-rikorrent biex jirċievi ħlasijiet mill-Health Insurance tiegħu relatati ma' ħlasijiet li għamel lil tobba. Il-kawża ġiet differita għall-5 ta' Diċembru 2013.

10. Fil-5 ta' Diċembru 2013 xehed George Farrugia. Il-kawża ġiet differita għall-provi tal-prosekuzzjoni għas-16 ta' Jannar 2014.

11. Fis-16 ta' Jannar 2014 xehdu żewġ xhieda. Il-partijiet qablu illi fid-differiment li kien imiss id-difiża tara jekk għandhiex xi sottomissjonijiet a rigward il-validita' tar-rogatorji bl-intiża ċara li

dak inhar tingħata l-ordni mill-Qorti taħt art 399 tal-Kodiċi Kriminali. Il-kawża ġiet differita għat-30 ta' Jannar 2014.

12. Fit-30 ta' Jannar 2014 ma xehed ħadd għaliex tqanqlet formalita' proċedurali mill-avukati tal-akkużat u għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għat-13 ta' Marzu 2014 għal digriet in camera. B'digriet in camera tal-4 ta' Frar 2014 il-Qorti ċaħdet it-talba tad-difiża u ordnat lil-prosekuzzjoni jgħaddi l-ittra rogatorja lilll-Awtoritajiet Svizzeri u ta' Ġibilta' ( a' fol 5167PK).

13. Deher l-imputat assistit u ma ġietx il-prosekuzzjoni. Kawża ġiet differita għat-2 ta' Ġunju 2014.

14. Fit-2 ta' Ġunju 2014 instemgħu xi xhieda. Kawża ġiet differita għas-6 ta' Ottubru 2014.

15. Fis-6 ta' Ottubru 2014 l-imputat talab differiment u l-kawża ġiet differita għas-17 ta' Novembru 2014.

16. Fis-17 ta' Novembru 2014 xehedu żewġ persuni u l-atti ġew rinvijati. Il-kawża ġiet differita għad-29 ta' Diċembru 2014.

17. Fis-seduta tad-19 ta' Frar 2015 xehedet persuna waħda. Kawża ġiet differita għat-23 ta' Marzu 2015.

18. Fit-23 ta' Marzu 2015 xehedet persuna waħda u l-atti ġew rinvijati. Kawża ġiet differita għall-4 ta' Mejju 2015.

19. Fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2015 l-ispettur kellu jallontana ruħu u ma sar xejn. Kawża ġiet differita għall-15 ta' Ġunju 2015.

20. Fis-seduta tal-15 ta’ Ġunju, 2015 xehedet persuna waħda u kawża ġiet differita għas-27 ta’ Lulju 2015.

21. Bi ftehim bejn il-partijiet il-kawża ġiet differita għas-7 ta’ Settembru 2015.

22. Minkejja li fir-rinviju l-Avv talab li jinstemgħu numru ta’ xhieda dak in-nhar bi qbil bejn il-partijiet ma sar xejn u l-kawża ġiet differita għall-14 ta’ Settembru 2015.

23. Fl-14 ta’ Settembru 2015 għal darba oħra ma sar xejn u l-kawża ġiet differita għat-18 ta’ Settembru 2015.

24. Fit-18 ta’ Settembru 2015 għal darba oħra bi qbil bejn il-partijiet il-kawża ġiet differita għat-28 ta’ Settembru 2015.

25. Fit-28 ta’ Settembru 2015 ma sar xejn għaliex l-uniku xhud li kellu jitħarrek kien imsiefer u l-kawża ġiet differita għad-9 ta’ Novembru 2015.

26. Fid-9 ta’ Novembru 2015 minkejja li l-AĠ talab li jixhdu numru ta’ xhieda ma sar xejn u l-kawża ġiet differita għas-16 ta’ Novembru 2015.

27. Fis-16 ta’ Novembru 2015 xehdu tnejn minn nies biss u l-atti ġew rinvijati.  Il-kawża ġiet differita għall-21 ta’ Diċembru 2015.

28. Fil-21 ta’ Diċembru 2015 fuq talba tal-Qorti il-kawża ġiet differita għall-25 ta’ Jannar 2016.

29. Fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2016 xehdet persuna waħda u l-kawża ġiet differita għas-7 ta’ Marzu 2016.

30. Fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2016 il-kawża ġiet differita fuq talba tal-prosekuzzjoni għat-18 ta' April 2016.

31. Fis-seduta tat-18 ta' April 2016 xehdet persuna waħda u l-kawża ġiet differita għat-30 ta' Mejju 2016.

32. Fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2016 il-kawża ġiet differita mingħajr ebda raġuni għas-16 ta' Ġunju 2016 għalkemm deher l-imputat u l-avukati tiegħu.

33. Fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2016 xehdet persuna waħda u l-kawża ġiet differita għall-25 ta' Lulju 2016.

34. Fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2016 bi qbil bejn il-partijiet il-kawża ġiet differita għall-5 ta' Settembru 2016.

35. Fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2016 ma xehed ħadd. F'dan il-każ Anthony Cassar li ukoll għaddej proċeduri għażel li ma jixħidx u l-kawża ġiet differita għas-17 ta' Ottubru 2016.

36. Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2016 sar dibattitu sħiħ fuq ir-rogatorji u ma xeħed ħadd għaliex l-ispettur kien għadu kemm assuma l-atti u talab differiment. Il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Novembru 2016.

37. Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2016 il-prosekuzzjoni talbet differiment mingħajr ma tat raġuni. Il-kawża ġiet differita għad-9 ta' Jannar 2017.

38. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2017 ma sar xejn u l-kawża ġiet differita mingħajr raġuni. Il-kawża ġiet differita għall-20 ta' Frar 2017.

39. Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2017 il-kawża ġiet differita biex jiġu ppresentati rogatorji u ma tħarrku ebda xhieda. Il-kawża ġiet differita għas-27 ta' Frar 2017.

40. Fis-27 ta' Frar 2017 ġew esebiti r-rogatorji u l-kawża ġiet differita għat-22 ta' Mejju 2017.

41. Fit-22 ta' Mejju, 2017 il-kawża kellha tiġi differita għaliex il-prosekutur kien maqbud f'inkjesta. Il-kawża ġiet differita għat-23 ta' Ottubru 2017.

42. Fit-23 ta' Ottubru 2017 sar differiment fuq talba tad-difiża. Kawża ġiet differita għad-29 ta' Jannar 2018.

43. Fid-29 ta' Jannar 2018 xehed xhud wieħed. Kawża ġiet differita għas-7 ta' Mejju 2018.

44. Fis-7 ta' Mejju 2018 intalab differiment mill-prosekuzzjoni u l-kawża ġiet differita għat-18 ta' Ġunju 2018.

45. Fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2018 ma sar xejn u l-kawża ġiet differita għad-29 ta' Ottubru 2018.

46. Fid-29 ta' Ottubru 2018 il-kawża ġiet differita minħabba indisposizzjoni tal-prosekutur għall-4 ta' Frar 2019.

47. Il-kawża ġiet differita għaliex l-ittri rogatorji ma kienux lesti u ma tħarrku ebda xħieda. Kawża ġiet differita għas-17 ta' Ġunju 2019.

48. Fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2019 xehed xhud wieħed. Kawża ġiet differita għall-4 ta' Novembru 2018.

49. Bi ftehim bejn il-partijiet il-kawża ġiet differita għas-16 ta' Diċembru 2019.

50. Fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2019 il-prosekuzzjoni talbet differiment. Kawża ġiet differita għall-4 ta' Mejju 2020.

51. Fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2020, wara differiment ta' kważi aktar minn ħames xhur il-kawża ġiet differita minħabba l-Covid għad-9 ta' Novembru 2020.

52. Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2020 il-Qorti laqgħet it-talba għat-trasmissjoni tar-rogatorji u ma sar xejn aktar. Il-kawża ġiet differita għat-8 ta' Frar 2021.

53. Fit-8 ta' Frar 2021 il-Qorti rrakomandat lill-prosekuzzjoni jaraw it-talba ta' l-ittri rogatorji u ma tressqu ebda xhieda. Il-kawża ġiet differita għall-14 ta' Ġunju 2021.

54. Fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021 l-ittra rogatorji kienu għadhom mhux esegwiti u għal darba oħra ma tressqu ebda xhieda. Il-kawża ġiet differita għad-29 ta' Novembru 2021.

55. Fid-29 ta' Novembru 2021 il-kawża ġiet differita għall-informazzjoni dwar l-ittri rogatorji u ma tressqu ebda xhieda. Kawża ġiet differita għall-25 ta' Frar 2022.

56. Fis-seduta tal-25 ta' Frar 2022 il-Qorti fakkret li sa fejn jirrigwarda l-ittri rogatorji dawn kienu ilhom li ġew presentati u li ma hux

sewwa li l-imputat jibqa' jkaxkar b'dawn il-proċeduri. Xhieda ma tressqu xejn. Kawża ġiet differita għall-5 ta' April 2022.

57. Fis-seduta tal-5 ta' April 2022 il-kawża reġgħet ġiet differita għall-informazzjoni ulterjuri dwar l-ittri rogatorji għas-27 ta' Mejju 2022.

58. Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2022 xehdet persuna waħda. Kawża ġiet differita għas-17 ta' Ottubru 2022.

59. Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022 ma sar xejn. Kawża ġiet differita għall-20 ta' Marzu 2023.

60. Fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 ir-Rogatorji ma ġewx esebiti u ma tressqu l-ebda xhieda. Kawża ġiet differita għat-13 ta' Ġunju 2023.

61. Fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2023 ma sar xejn.

62. Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024 il-Qorti għamlet referenza għal nuqqas serju ta' kemm karkru l-proċeduri tar-rogatorji fid-dawl li ħames snin wara l-prosekuzzjoni riedet tagħmel rogatorju a ulterjuri. Kawża ġiet differita għall-11 ta' Marzu 2024. Fit-2 ta' Frar 2024 il-Kummissarju tal-Pulizija għamel rikors għal differiment u l-Qorti ma laqatux u ordnat lil AĠ jidher sabiex jinfurmaha dwar l-ittri rogatorji.

63. Fil-5 ta' Marzu 2024 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent inkonnessjoni mal-qliegħ tiegħu. Kawża ġiet differita għall-11 ta' Marzu 2024.

64. Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2024 ma sar xejn.

Minn eżami ta' dawn is-seduti jirrizulta hekk:

Ma attendietx il-prosekuzzjoni minħabba indisposizzjoni, jew għaliex il-prosekutur inqabad quddiem qorti oħra. Dan kien 10 darbiet.

Bi qbil bejn il-partijiet ma sar xejn u ingħata differiment. Dan kien 5 darbiet.

Seduti fejn ma sar xejn fis-sens li ma tressqux xhieda. Dawn kienu 27. Fost dawn fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2020. Wara differiment ta' kważi aktar minn ħames xhur ġiet differita minħabba l-Covid għad-9 ta' Novembru 2020.

Seduti fejn xehdet persuna waħda kien hemm 9.

Dan ifisser li tul 13 il-sena kien hemm 'il fuq minn 60 seduta. F'51 seduta prattikament ma sar xejn jew sar ftit li xejn. Per di piu' huma waħdiet dawk is-seduti li fihom xehedu aktar minn żewġ xhieda. Il-Qorti tfakkar li din kienet Kawża li ħolqot ċertu skaplur u li ġabet magħha bosta kontroversji nazzjonali. Bħal ma dejjem jiġri għal għajn l-istampa l-ewwel ftit seduti jkunu kollha mimlija enerġija. Di fatti, f'dawk is-seduti bikrin, kien hemm seduta li f'waħda minnhom tressqu sitt xhieda. Irid jingħad ukoll li ġew esebiti kwantita' ta' dokumenti. Iżda ġara li aħbar toqtol lill-oħra u din il-Kawża waqgħet fil-bir tas-skieken. Minsija minn kulħadd.

Jibda biex jingħad li din il-Qorti tirrikonoxxi li din il-Kawża tippresenta komplessivita' ta' provi anke minħabba raġunijiet ta' natura teknika. Pero' l-kumplessitá fiha nnifisha mhux neċessarjament tiġġustifika proċedimenti twal li xorta jistgħu jwasslu għal vjolazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien

raġjonevoli (Ara **Matong vs Poland, QEBD, 9 ta' Ġunju 2009, §30; Rutkowski and Others v. Poland, QEBD, 7 ta' Lulju 2015, § 137**). Difatti fil-każ **Cipolletta v. Italy** il-QEBD, għalkemm għarfet il-kumplessitá ta' proċeduri ta' insolvenza, sabet li tul ta' madwar ħamsa u għoxrin sena u sitt xhur ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' "żmien raġonevoli" (ara §44). Tabilħaqq il-kumplessitá waħidha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies bħala raġonevoli (Ara **Ferrantelli u Santangelo vs Italy, QEBD, 7 ta' Awwissu 1996, § 42**).

Huwa minnu wkoll li l-kwistjoni tar-rogatorji kienet waħda li ġabet ħafna diffikulatijiet li bdew jostakolaw l-andament tal-Kawża, iżda din baqgħet għaddejja għal bosta snin. Minkejja l-kwistjoni tar-rogatarji, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-prosekuzzjoni milli tressaq aktar xhieda minflok ma tressaq xejn minħabba l-istennija tar-rogatorji. Anzi din kellha isservi biex jitressqu aktar xhieda li kellha l-prosekuzzjoni. B'dan il-mod kienet taqta' miż-żmien li issa jrid jittieħed wara li jaslu r-rogatorji kollha. Imma li f'42 seduta prattikament ma jsir xejn, aktar minn żewġ terzi tas-seduti li saru sa issa, ma hiex aċċettabbli.

Anke l-istess Qorti, fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024 għamlet referenza għal nuqqas serju kemm tkarkru l-proċeduri tar-rogatorji fid-dawl, li ħames snin wara il-prosekuzzjoni riedet tagħmel rogatorju ulterjuri u l-kawża ġiet differita għall-11 ta' Marzu 2024. Meta fit-2 ta' Frar 2024 il-Kummissarju tal-Pulizija presenta rikors għal differiment, il-Qorti ma laqatux u ordnat lil Avukat Ġenerali  sabiex jinformaha dwar l-ittri rogatorji. Fis-seduta tal-25

ta' Frar 2022 fakkret li sa fejn jirrigwarda l-ittri rogatorji dawn kienu ilhom li ġew presentati u li ma hux sewwa li r-rikorrent jibqa' jkaxkar b'dawn il-proċeduri pero xhieda ma tressqu xejn. F'dawn l-esklamazzjonijiet, hemm indikazzjoni ċara, li anke l-Qorti kienet esasperata bid-dewmien esaġerat da parti tal-prosekuzzjoni biex tressaq il-provi tagħha.

Issa tajjeb li jingħad, li ġie stabbilit li r-responabbilitá ta' dewmien kaġunat minn differimenti, minħabba nuqqas ta' attendenza tal-persuni rilevanti (bħal xhieda, ko-akkużati u rappreżentanti legali) taqa' fuq il-Qrati nazzjonali u kif diġa' osservat minn dawn kien hemm 42 seduta. (Ara **Tychko v. Russja, § 68**; ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Ellul Sullivan et vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008**. Di piu', kif diġa' rilevat aktar 'l fuq, l-attitudni passiva tal-partijiet ma jeħlisx lill-Qrati mill-obbligu li jiżguraw is-smiegħ tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli kif rikjest fl-artikolu 6 § 1. Il-Qorti kellha tara li l-partijiet, partikularment il-prosekuzzjoni, taqdi dmirha anke fid-dawl tar-rinviji u struzzjonijiet tal-Avukat Ġenerali, meta dan tal-aħħar ikunu indikaw x-xhieda li għandhom jinstemgħu. Ġieli l-Avukat Ġenerali talab, li jitressqu ammont ta' xhieda u ma tressqu xejn jew tressaq wieħed. Li tressaq xhud wieħed biex għal ġurament tkun saret xi prova, ma hiex konformi mad-dettami ta' smiegħ xieraq fi zmien raġjonevoli, l-aktar l-aktar meta ma tingħatax spjegazzjoni, għal fejn tressaq xhud wieħed u agħar meta ma jitressaq ħadd.

Il-Qorti tfakkar li l-Leġislatur qatt ma ried li l-kumpilazzjonijiet jittawlu daqshekk tant li bħala regola ġenerali kumpilazzjoni suppost għandha żmien xahar biex tingħalaq (ara artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali). Għalkemm huwa minnu li dan il-perjodu jista' jkun estiż sa mhux aktar minn tlett xhur kull darba bil-kunsens tal-President tar-Repubblika. Imma dawn l-estensjonijiet ma kienux maħsuba biex jintużaw b'mod interminabbli. Skont din il-Qorti, l-Avukat Ġenerali meta jara li kawża qed iddum b'mod irraġjonevoli, għandu jgħarraf lill-President b'dan, għaliex ma jfissirx li l-President għandu jilqa' talbiet għall-estensjoni b' għajnejh magħluqa, iżda xi ħadd irid jiftaħlu għajnejh u l-aktar persuna posizzjonata tajjeb biex tagħmel dan, huwa l-Avukat Ġenerali.

Kif spiss saħqu l-qrati tagħna, fl-aħħar mill-aħħar, id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil ħadd mill-partijiet, inklużi d-difensuri, li jabbużaw mill-proċess ġudizzjarju u fl-istess waqt tiżgura li l-periti ġudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi żmien raġjonevoli mingħajr il-ħtieġa li toqgħod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni (Ara **Sentenza PA fl-ismijiet Joseph Gatt et vs L-Avukat Ġenerali tad-29 ta' Lulju 2013 deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014; Ara ukoll Żakkarija Calleja vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Lulju 2013; u Capuano vs Italy §§ 30-31; Versini vs France § 29; Sürmeli vs Germany [GC], § 129**).

Il-Qorti ma tistax tieħu attitudni passiva billi tħalli lill-partijiet jiddeterminaw il-proċess, bħal meta kien hemm diversi drabi bi qbil bejn il-partijiet li jkun hemm differiment. Il-minimu li jista' jsir, li tingħata raġuni għalfejn din it-

talba għad-differiment. Meta l-partijiet jaraw li l-Qorti qed tilqa' talbiet bħal dawn mingħajr ma tesiġi raġuni, mis-sebgħa joħdulha l-id biex b'hekk anke l-Qorti issir indolenti u kompjaċenti. Il-Qorti iżżid tgħid, li anke l-Avukat Ġenerali għandu l-obbligu tiegħu li ma jippermettix dewmien, partikularment meta jara, li dak li jitlob bħala xhieda ma jkunx qiegħed isir. Dan għandu jattira l-attenzjoni tal-Qorti biex fost oħrajn ma tippermettix differimenti b'ċertu liberalita'.

It-tkarkir tal-proċeduri joħloq preġudizzji kbar lill-imputat partikularment fiċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha l-Qorti. Tul dawn il-proċeduri r-rikorrent kellu ħajtu determinata mill-Kawża għaliex għandu ordni ta' konġelament li prattikament ipparalizzatu fl-attivitajiet kummerċjali tiegħu. Saru rikorsi biex jinbiegħu ishma, biex tinbiegħ propjeta' u saħansitra biex ikun jista' jinkassa mill-assigurazzjoni tiegħu, biex ikun jista' jħallas l-ispejjes mediċi li nkorra. Uħud ntlaqgħu oħrajn le.

Meta saru l-proċeduri, ir-rikorrent kellu sittin sena. Ilum għandu sebgħin sena. Meta l-proċeduri jipprolongaw rwieħhom b'dan il-mod, ikun qiegħed jiġi inflitt fuq il-persuna xorta ta' kastig informali indipendentement mill-fatt jekk finalment jinstabx ħati, jew le. Ħadd ma għandu jkun soġġett b'mod irraġjonevoli għal dawn l-effetti kollaterali ta' kawża, meta dawn l-effetti jkunu frott it-tul tal-proċeduri. Dawn ma jibqgħux kawtelatorji imma jieħdu l-bixra ta' punittivita.

Ħafna drabi jkun hemm min jiġġustifika d-dewmien minħabba defiċjenzi fis-sistema, bħal meta f'dan il-każ l-ispettur kellu jallontana ruħu mill-kawża

għax kellu oħra jew ma jkunx deher għaliex inqabad quddiem Kawża oħra. Jew meta l-ispettur jiret il-każ minn Uffiċjal, u jitlob differiment biex ikun jista' jistudja il-każ, li ukoll ġara f'din il-Kawża.

Imma l-Qorti Ewropeja kemm-il darba rriteniet li l-konvenzjoni "…. *imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision*" (**Salesi vs Italy (26/02/1993**). *It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility* (**Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994) – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18)." (ara wkoll Von Maltzan and Others v. Germany (dec.) [GC], § 132**).

Meta kawża tieħu żmien irraġjonevoli, tikkawża ukoll preġudizzju lill-persuna akkużata anke fil-provi li jrid iressaq. Di fatti, ir-rikorrent jilmenta, li diversi persuni li kien bi ħsiebu jressaq bħala xhieda in difesa, laħqu mietu. Fost dawn kien hemm John Pace li miet fid-19 ta' Ġunju 2014 (a' fol 103), Alfred Mallia li miet fil-15 ta' Mejju 2019 (a' fol 104), Reginald Soler li miet fis-27 ta' Lulju 2016 (a' fol 105), Robert Staines li miet fl-2015 (a' fol 106), Carmel Gatt li miet fil-5 ta' Mejju 2010 (a' fol 108).

Meta l-Qorti tara dan kollu tifhem l-ażjoma ta' *"Justice delayed, Justice denied."* Proċeduri fit-tul inixxfu l-provi, xi provi jisvanixxu biż-żmien, u l-memorja tax-xhieda tiġi bil-fors affettwata. B'dana kollu, din il-Qorti ma tistax ma tqiesx ukoll il-komportament tal-persuna akkużata tul il-proċeduri. Il-Qrati iridu ukoll joqogħdu attenti, li ma tkunx il-persuna stess taħt akkuża,

li tibda tikkontribwixxi biex itulu l-proċeduri sabiex propju aktar ‘l quddiem ikunu jistgħu jirrikorru għal dawn il-Qrati jilmentaw b’dewmien irraġjonevoli.

Il-Qorti mill-ewwel tgħid li ma jidhirx li dan huwa l-każ f’din il-kawża, għaliex milqut kif inhu r-rikorrent minn ordni ta’ konġelament tal-assi kollha tiegħu (*freezing order*) ma hux fl-interess tiegħu li l-Kawża ittul. B’dana kollu l-Qorti ma tistax ma tosservax, li kien hemm diversi drabi meta differiment fil-Kawża intalab mir-rikorrent bi qbil mal-prosekuzzjoni mingħajr ma tressqu xhieda. Di pju, minkejja dan it-tul kollu, fl-atti ma hemm xejn li jindika, li qabel ma saret din il-Kawża kien hemm mumenti fejn ir-rikorrent prova jħeġġeġ biex ma jkunx hemm aktar dewmien. Kienet il-Qorti biss li ilmentat minn dan il-fattur (ara supra).

Illum l-Attur qiegħed jilmenta li numru ta’ xhieda li ried iressaq issa huma mejtin u għalhekk ġie mċaħħad milli jressaqhom minħabba dan id-dewmien. Mhux ix-xhieda kollha mietu fil-mori tal-proċeduri, tant li wieħed minnhom miet fl-2010, iġifieri tlett snin qabel bdew il-proċeduri. Kwantu għall-oħrajn, ħadd minnhom ma miet riċentement. Kien hemm min minnhom fl-2015, min fl-2016 u bl-aħħar wieħed fl-2019. Il-Qorti għandha għalfejn tifhem, li r-rikorrent kien konsapevoli bl-imwiet tagħhom fl-epoka tad-deċess, b’dana kollu baqa’ ma għamel xejn waqt il-proċeduri biex jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti bil-preġudizzju li kien qiegħed jikkawża d-dewmien, biex forsi il-Qorti tifhem li ma għandhiex tippermetti aktar differimenti bil-liberalita’ tal-mod kif dawn kienu jintalbu.

Madankollu, ir-responsabbiltà ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija b'ħeffa tas-smigħ tal-kawża taqa' taħt il-Ġudikant (Ara **Capuano vs LItalja, Nru 9381/81, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafi 30-31**). Ġie stabbilit ukoll, li l-attitudni passiva tal-partijiet ma jeħlisx lill-Qrati mill-obbligu li jiżguraw is-smiegħ tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli kif rikjest fl-artikolu 6 § 1 (ara sentenzi ġia ċitati supra). Iżda ġie stabbilit li l-kondotta tal-persuna tul il-proċeduri, għalkemm ma titfax ħtija fuq il-parti konċernata għad-dewmien kawżat, "*għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Iris Cassar et -vs- Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2015**).

*Tutto sommato* l-awturi josservaw b' mod ġenerali josservaw is-segwenti:

"*The purpose of 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to the proceedings ….. against excessive procedures; delays' and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility'. In Criminal cases, it is also 'designed to avoid that a person charged should remain to long in a sate of uncertainty about his fate. In Criminal cases, the reasonable time guarantee, runs from the moment that an accused is subject to a 'charge' by which is meant 'substantially effected by it'."* (Ara **Harris, O.Boyle and Warbrick, Law of the European Convention of Human Rights, 4th Ed. pag 441 u ara ukoll Stogmuller**

**-vs- Austria 1969, Wenhoff -vs- Germany 1968 u H -vs- France 1989**). F'dan il-kuntest intqal ukoll hekk:

"*With respect to criminal cases, the Court has held that as the beginning of the relevant period must be taken the moment at which a 'a criminal charge' is brought since it is only from that moment that the determination of a criminal charge can be involved. However, the rationale mentioned above implies that the period may not in all cases begin at the moment at which the person in question is officially indicted. Even before that he may have realised that he is suspected of a criminal offence so that from that moment he has an interest in that a decision about this suspicion be made bt the Court. This is quite evident in those cases when an arrest precedes the moment of the formal charge. It is, therefore important here as well that in the Strasbourg caselaw an autonomous meaning is assigned to the concept of 'charge', the starting point being that a substantive and not a formal concept of 'charge' must be used because of the great importance that the principle of fair trial has for a democtaric society." (Ara* **Theory And Practice of The European Convention on Human Rights, Van Djik - Van Hoof, 2nd Ed, Pg329 u ara ukoll Wemhoff supra**).

Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha din il-Qorti ser issib li r-rikorrent tassew kellu d-dritt fundamentali kif imħarsa mill-artikolu 39(1) u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament minħabba dewmien irraġjonevoli.

*Rimedju*

Kif ta' spiss irribadew kemm il-Qorti Ewropeja u kif ukoll dawn il-Qrati r-rimedju għandu jkun wieħed effettiv u li jġib fix-xejn il-ksur. Artikolu 47 tal-Karta Ewropeja Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem jiddisponi fost oħrajn li kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti. Artikolu 13 tal-Konvenzjoni jiddisponi ukoll li *"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali".*

Mingħajr ebda dubbju, ir-rikorrent huwa intitolat għall-kumpens non-pekunjarju. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha fuq indikati, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li dan għandu jkun fl-ammont ta' sebgħat elef ewro (€7,000). Pero' dan waħdu ma jġibx fix-xejn il-ksur. Għalhekk skont kif jiddisponi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta li jingħataw l-ordnijiet u provvedimenti kollha opportuni, din il-Qorti qed tordna lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif fuq indikata sabiex tagħti żewġ seduti oħra li ma jkunux imbegħdin minn xulxin sabiex il-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha. Fin-nuqqas tiddikjara li l-provi tal-prosekuzzjoni bħala magħluqa.

Kwantu għall-presenza taż-żewġ intimati dawn huma t-tnejn responsabbli għall-ksur. L-Avukat Ġenerali bħala l-Uffiċċju li taħt il-ħarsien tiegħu jitmexxew il-proċeduri kriminali fid-dawl kemm dak li tipprovdi l-

Kostituzzjoni u anke il-Kodiċi Kriminali u kwantu għall-Avukat tal-Istat bħala li għandu jwieġeb għad-defiċjenzi tas-sistema in ġenerali.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel** talba rikorrenti.

**Tiċħad it-tieni** talba rikorrenti.

**Tilqa' it-tielet talba** rikorrenti u tordna għalhekk li għandhom jiġu ffissati żewġ seduti mhux imbegħda minn xulxin għall-provi kollha li fadal tal-prosekuzzjoni b'dana li wara dawn iż-żewġ seduti, jsiru jew ma jsirux il-provi tal-prosekuzzjoni, il-provi għandhom jitqiesu bħala magħluqa.

**Tilqa' ir-raba' talba** rikorrenti billi tikkundanna lill-intimati bejniethom solidalment iħallsu lir-rikorrent, is-somma ta' sebgħat elef ewro (€7000) bħala danni non pekunjarji bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes ta' din il-proċedura għall-intimati.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**